IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru51 (wieħed u ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Erbgha 24 ta' Awwissu, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| Skuzati | |
| Il-Kunsillier | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**51.1. Item Nru 51.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

51.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.15pm u inqrat l-ittra ta' apologija tas-Sur Valvo li qal jinsab indispost. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija u kkunsidrah skużat.

**51.2. Item Nru. 51.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

**51.3 Item Nru. 51.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-boċċi mexxejna l-pjanti kif ippreparhom il-Perit għaliex biex insaqqfu l-pitch u jsir multisensory garden ser nieħdu ħafna fit-tul u aktar spejjeż. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

51.3.2 Is-Sindku ippropona li nduru t-tabelli tax-xatt u nibdluhom b'materjal qisu plastic li jservi ħafna aktar minn tal-pjanċi. Il-prezz huwa ta' madwar €70 -il waħda pero niffrankaw maż-żmien. Kulħadd qabel li nibdew nordnaw minnhom.

51.3.3. Is-Sur Attard qal li residenti minn Triq Frans Minuti għadhom qed jitolbu zebra crossing quddiem it-triq Frans Minuti kantuniera ma' Dawret ix-Xatt. Dan biex ikunu jistgħu jaqsmu t-triq minajr periklu. Il-Kunsill kien applika ma TM u dawn qalulna li tista ssir pero quddiem il-Joe Joes Bar. Ir-residenti ma jriduwiex hemm għax il-bogħod. Is-Sa Rosabelle Pulis qalet li hi tkellmet reġgħet mas-Sur Andrew Haig minn TM, l-istess persuna li qalilna li ma tistax issir, u dan issa qalilha li tista ssir. Il-Kunsill jixtieq li din tingħata bil-miktub kif ukoll b'permezz ta' pjanta kif suppost.

51.3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-Ġostra u qal li saret b'suċċess u l-flus li ntefqu, madwar €5,200 ser jiġu rimborsati grazzi għal iskema li applikajna għaliha.

51.3.5 Is-Sur Attard qal li dwar il-karta tal-Planning Authority fuq il-librerija u l-klassijiet ta' tagħlim b'xejn li qed ittella' Doris Borg ikkonferma li ninsabu mexjin regolarment u għalhekk m'għandnix problemi.

51.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li avviċinah Noel Bonniċi ħaddiem li ilu assenjat magħna għal ħafna snin li jixtieq li jkun aktar apprezzat u kkumpensat dan anke minħabba li jagħmel xogħol addizzjonali u anke fil-weekend.

Is-Sa. Rosabelle Pulis qalet li tapprezza ħafna x-xogħol ta' Noel u taqbel pero hi temmen għamlitha ċara, li għandhom jitnaqqsu minn tal-Kuntrattur tat-tindif tal- bins, David Grech.

Ma kienx hemm qbil ma' din il-proposta għaliex is-Sur Raymond Camilleri qal li David jagħmel ħafna xogħol li ma jidherx u m'għandux isofri ħaddiem biex napprezzaw ħaddiem ieħor.

Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li Noel Bonnici jingħata €350 fix-xahar bħala kumpens għal dan ix-xogħol addizzjonali.

**51.4 Item Nru 51.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

51.4.1 Mistoqsijiet speċifiċi ma sarux.

**51.5 Item Nru. 51.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

51.5.1 Rapport Finanzjarju 2021 – Is-Segretarju ippreżenta r-rapport finanzjarju awditjat tas-sena 2021. Il-Kunsill wara li ddiskutih approvah unanimament.

IX-XGĦAJRA

**51.6 Item Nru. 51.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

51.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**51.7 Item Nru. 51.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

51.7.1 Pagamenti b'numru 115 ġew approvati unanimament.

**51.8 Item Nru. 51.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

51.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**51.9 Item Nru. 51.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm

Aġġornament għal nhar il-Erbgħa 28 t' Settembru, 2022

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1510 – Malta
Tel: 21695139
E-Mail xghajra.lc@gov.mt